Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 24/2013

**Datanet Security Systems Co Ltd (C30521)**

**(appellata)**

**vs**

**Garden of Eden Garage Ltd (C30521)**

**(appellanti)**

10 ta' April 2018

1. **Din hija kawża għall-ħlas ta' <u>€10,677.27</u> bilanċ minn somma ikbar rappreżentanti bejgħ u installazzjoni ta' *tracking devices* fuq numru ta' vetturi proprjeta` tas-soċjeta` konvenuta, kif ukoll *subscription and airtime fees.***

2. <u>B'rikors preżentat fid-29 ta' Jannar 2013</u> fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-atturi talbu li s-soċjeta` konvenuta tiġi kkundannata tħallashom is-somma ta' €10,677.27 bilanċ minn somma akbar rappreżentanti bejgħ u installazzjoni ta' tracking devices fuq il-vetturi bin-numru ta' reġistrazzjoni ACY-863, ACY-930, CCY-929, COY-013, COY-014, COY-015, FVY-001, GMY-050, GSI-001, HMY-151, HMY-173, IMY-360, GBL-661, LCY-948, LBY-021 u LBY-023, proprjeta` tas-soċjeta` konvenuta, kif ukoll subscription and airtime fees, u dan skont l-invoices annessi (Dok A-Dok G). Bl-ispejjeż, kompriżi l-ittra uffiċjali 166A tat-2 ta' Diċembru 2011, u bl-imgħax legali mid-data ta' kull invoice sad-data tal-effettiv pagament.

3. <u>Fir-risposta tagħha tal-20 ta' Marzu 2013</u> is-soċjeta` konvenuta wieġbet li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-installazzjoni u servizz għal liema qed jintalab il-ħlas ma kinux tal-kwalita` pattwita tant illi kienu bla użu għaliha. Eċċepiet ukoll illi għalkemm is-soċjeta` attriċi ġiet debitament

interpellata sabiex tersaq u tirranġa l-istess sistemi permezz ta' att ġudizzjarju, hija baqgħet inadempjenti, għal liema raġuni ukoll l-ebda ammont ma hu dovut. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjeż.

4. Fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2013, il-qorti nkarigat lil Dr Steven Farrugia Sacco bħala perit ġudizzjarju sabiex jeżamina d-data miġbura u storjata f' kompjuter. Il-perit tekniku, fir-rapport tiegħu li ppreżenta fit-12 ta' April 2016 ikkonkluda illi kien hemm nuqqas da parti taż-żewġ partijiet: is-soċjeta` attriċi billi naqset li tagħti servizz komplut, u s-soċjeta` konvenuta billi ħabta u sabta qabdet u marret għand kumpanija oħra u anke mingħajr ma ddepożitat jew irritornat l-apparat (*sic*)[1] jew ħadet passi ġudizzjarji. Għalhekk qies li t-tort huwa nofs tas-soċjeta` attriċi u nofs tas-soċjeta` konvenuta.

5. Fis-sentenza tat-18 ta' Jannar 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) filwaqt li ghamlet riferenza ghar-rapport, ma qablitx mal-proporzjonalita` tat-tort li huwa ta. Spjegat illi jirriżulta *in funditus* illi fil-mument meta huwa eżamina s-sistema tat-*tracking device* fil-vetturi, kien hemm ħsara f' tnejn minnhom biss, minkejja li tali sistema ġiet installata fi ħmistax-il vettura jew iżjed, kif del resto stqarr l-istess perit, u għalhekk kienet tal-fehma li ma kienx ġust li tattribwixxi nofs it-tort lis-soċjeta` attriċi. Għalhekk laqgħet it-talba fl-ammont ridott ta' €8,897.73 rappreżentanti għaxra minn tnax (10/12) fuq is-somma reklamata. Bl-ispejjeż, kompriżi l-ittra uffiċjali 166A tat-2 ta' Diċembru 2011 fil-porzjon ta' 5/6 għas-soċjeta` konvenuta u 1/6 għas-soċjeta` attriċi, bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza.

6. Fis-6 ta' Frar 2017 il-konvenuta ppreżentat rikors tal-appell u talbet lil din il-qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u konsegwentement tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi.

---

[1] jidher li kien qed jirreferi għat-tagħmir (apparat).

**<u>L-aggravji tas-soċjeta` konvenuta huma s-segwenti:</u>**

7. Is-soċjeta` appellanti tibda' biex tgħid illi kienet korretta l-ewwel qorti meta apprezzat li r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet kienet waħda ta' <u>appalt</u> u mhux bejgħ. Tenfasizza illi s-soċjeta` attriċi ma assumietx biss id-dmir li tipprovdiha b'oġġett, imma b'servizz (u cioe` il-provvista, installazzjoni, operazzjoni u ġestjoni ta' sistema elettronika ta' traċċjar ta' vetturi).

8. <u>**L-ewwel aggravju** tas-soċjeta` konvenuta huwa li l-ewwel qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u applikazzjoni ħażina tal-principji legali tal-appalt.</u> B'riferenza għall-inkarigu tal-perit tekniku (biex jeżamina d-data storjata fil-kompjuter), taċċenna għall-fatt li l-informazzjoni elettronika ma kinitx konklussiva billi s-sistema ma kinitx għadha operattiva. Aċċennat għall-konstatazzjoni tiegħu li għalkemm is-sistema provduta mis-soċjeta` attriċi kienet tajba, it-*tracking devices* provduti minnha u installati minnha fuq il-vetturi ma kinux qed jaħdmu kollha kif suppost.

9. Fir-rigward tal-konklużjoni tiegħu li l-ħtija kienet taż-żewġ partijiet, nofs bin-nofs, tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

(i) <u>Dwar il-ħtija tagħha (s-soċjeta` konvenuta)</u>

Taċċenna għall-fatt illi l-perit tekniku sab li r-raġunijiet mogħtija mis-soċjeta` attriċi għall-malfunzjonament tas-servizzi tagħha (cioe: it-tbagħbis mix-xufiera, u vultaġġ insuffiċjenti, t-telf ta' data minħabba *surcharge,* u problemi fis-servizz tal-*internet)* ma kinux raġunijiet tajba, għaliex:

(a) *tracking devices* li faċilment jistgħu jiġu mbagħbsa m'humiex tajbin;

(b) jekk vultaġġ kien insuffiċjenti dak kien nuqqas fis-servizz tas-soċjeta` attriċi li kellha dmir issib soluzzjoni;

(c) jekk kien hemm telf ta' data minħabba *surcharge* fil-provvista tal-elettriku dan huwa wkoll nuqqas tas-soċjeta` attriċi stante li mhix prattika skont is-sengħa u l-arti li l-ħażna tad-data elettronika tkun dipendenti fuq il-provvista tal-elettriku, u

(d) t-tħaddim tajjeb tas-sistema ma kienx jinneċessita s-servizz tal-internet (partikolari) u anke li kieku hekk il-każ kien dmir tas-soċjeta` attriċi li qabel ma tipprovdi s-servizz tivverifika li l-kljent kellu l-infrastruttrua teknika neċessarja biex is-servizz jaħdem tajjeb.

Għalhekk tilmenta li l-konklużjoni tal-perit li hija naqset meta tterminat unilateralment il-kuntratt ta' appalt bejnha u bejn is-soċjeta` attriċi, hija konklużjoni ħażina fid-dritt, billi hija kellha d-dritt abbażi tal-Artikolu 1640 li tittermina l-appalt unilateralment. Hija ssostni li aġixxiet pjenament fid-drittijiet tagħha u għalhekk ebda ħtija ma tista' tiġi attribwita lilha.

(ii) <u>Dwar il-ħtija tas-soċjeta` attriċi.</u>

Is-soċjeta` konvenuta tagħmel diversi riferenzi ġurisprudenzjali fir-rigward tal-kuntratt tal-appalt u d-dmirijiet tal-appaltatur. Spjegat illi wieħed kellu jiddetermina l-estenzjoni tad-difetti rikontrati minnha fl-opera tas-soċjeta` attriċi: u cioe` jekk dawn kellhomx jitqiesu sostanzjali, u jekk le, x' forma ta' riduzzjoni kellha titqies ġusta. Hija tenfassizza l-fatt illi s-sistema de quo intalbet minnha sabiex hija tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti legali imposti fuqha mill-Awtorita` tat-Trasport f' Malta. Targumenta li meta s-soċjeta` attriċi pprovdiet sistema ta' *tracking* difettuża, hija ma ġiet qatt fi stat ta' ottemperanza mar-rekwiżiti imposti fuqha, u kien għalhekk li kellha tittermina l-appalt u tingaġġa s-servizz ta' terzi biex jagħtu servizz simili.

Bla ħsara għall-premess, targumenta illi anke kieku wieħed kellu jasal għall-konklużjoni li d-difetti riskontrati ma rrendewx l-appalt difettuż b'mod sostanzjali, jibqa' l-fatt li l-konklużjoni taġġunta mill-ewwel qorti (li d-difetti kienu jikkonċernaw żewġ vetturi biss) hija waħda

simpliċistika u ma tagħmilx ħaqq magħha. Taċċenna għax-xiehda ta' Glenn Lucas fejn għalkemm semma' espressament żewġ vetturi, qal li kien hemm oħrajn. Taċċenna wkoll għall-osservazzjoni tal-perit tekniku li kien hemm firxa aktar wiesgħa ta' problemi, tant li kkonkluda li s-soċjeta` attriċi ma tatx servizz komplut. Tgħid li dan ukoll ġie kkonfermat minn Geoffrey Farrugia, direttur tal-kumpanija Handson Systems Ltd (il-kumpanija li hija ngaġġat wara li tterminat il-kuntratt mas-soċjeta` attriċi). Għalhekk tilmenta li l-ħtija ta' biss (1/6) attribwita lis-soċjeta` attriċi ma tistax titqies bħala suffiċjenti.

10. **<u>It-tieni aggravju</u>** <u>tas-soċjeta` konvenuta hu li kellhom jitqiesu l-flus ġia mħallsin minnha qabel l-istituzzjoni tal-proċeduri odjerni</u>. Taċċenna għall-fatt li mill-provi jirriżulta li qabel ma nbdiet il-kawża hija kienet diġa għamlet diversi pagamenti li kumplessivament jammontaw għal €5,000. Targumenta li la t-tnaqqis adoperat mill-ewwel qorti kien ta' 1/6 ifisser li 1/6 mis-somma ta' €5,000 ukoll tħallset ħażin u għalhekk għandha titnaqqas ukoll mill-kont. Għalhekk issostni li l-ammont dovut minnha skont it-tnaqqis adoperat mill-ewwel qorti kellu jkun ta' €8,064.39 (u mhux €8,897.73).

11. <u>Is-soċjeta` attriċi fit-3 ta' April 2017</u> wieġbet biex tgħid illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` konvenuta.

**<u>Sfond u provi:</u>**

12. Is-soċjeta` konvenuta għandha diversi vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri. Id-direttur, Alfred Spiteri, fl-affidavit spjega illi fis-sena 2008, għal raġunijiet ta' sigurta`, kien qabbad lis-soċjeta`attriċi Datanet Security Systems Co Ltd sabiex tipprovdi u tinstalla "*tracking device*" fuq il-vetturi tagħha. B'riferenza għall-vetturi *open top double deckers*, spjega li fl-2009 saret obbligatorja li

dawn fil-fatt ikunu mgħammra b'*tracking device*.[2]

13. Wara li l-apparat jigi nstallat, kull moviment tal-vettura ikun jidher fuq is-*server* tas-soċjeta` attriċi fil-Mosta u l-konvenuta jkollha aċċess għalih permezz tal-*internet* billi jdaħħal il-*password* tiegħu. Il-klijent għalhekk barra li jħallas għall-apparat innifsu, iħallas ukoll għall-hekk imsejħa *subscription u airtime fees*.

14. L-attriċi ippreżentat is-segwenti invoices li komplessivament jagħtu total fl-ammont ta' **€12,677.27**

| Data | | Prezz (inkluż 18% VAT) |
|---|---|---|
| 15/10/2008 | Installation of 1 vehicle with AVL[3] | € 283.20 |
| | Subscription & Communication fee | |
| | 16/10/2008 – 21/07/2009 | € 167.90 |
| | **TOTAL** | **€ 451.10** |
| 15/10/2008 | Installation of 13 vehicles with AVL | |
| | Subscription & Communication fee | |
| | 22/07/2008 – 21/07/2009 | |
| | **TOTAL** | **€ 6,537.14** |
| 13/05/2011 | Installation of vehicle tracker on LPY-023 | € 283.20 |
| | Subscription & airtime fee for 170 days | |
| | 02/02/2010 – 21/07/2010 @ 51 cents per day | € 102.31 |
| | **TOTAL** | **€ 385.51** |
| 13/05/2011 | Installation of tracking device on LPY-021 | € 283.20 |
| | Subscription & airtime fee for 138 days | |
| | 06/03/2009 – 21/07/2009 @ 51 cents per day | € 83.05 |
| | Subscription and airtime fee for 362 days | |
| | 22/07/2009 – 21/07/2010 | € 217.85 |
| | **TOTAL** | **€ 584.10** |
| 13/05/2011 | Installation of tracking device on COY-014 | € 283.20 |
| | Subscription & airtime fee for 119 days | |
| | 23/02/2009 – 21/07/2009 @ 51 cents per day | € 71.61 |
| | Subscription fee for 362 days @ 51 cents per day | |
| | 22/07/2009 – 22/07/2010 | € 217.85 |
| | **TOTAL** | **€ 572.66** |

[2] Regolament 69 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Leġislazzjoni Sussidjarja: 499.56) jipprovdi (*inter alia*) li vetturi għall-ġarr ta' passiġġieri awtorizzati biex jagħtu servizz fuq rotta għat-turisti (sightseeing passenger transport routes) skont tali regolament għandhom ikunu mgħammra bi *tracking device* skont l-ispeċifikazzjonijiet ippubblikati mill-Awtorita` minn żmien għal żmien.

[3] Automatic Vehicle Location.

| | | |
|---|---|---|
| 13/05/2011 | Installation of tracking device on LPY-037 | € 283.20 |
| | Subscription & airtime fee for 266 days 29/09/2010 – 21/07/2011 | € 160.08 |
| | **TOTAL** | **€ 443.28** |
| 13/05/2011 | Subscription & airtime fee for 17 vehicles for 362 days 22/07/2010 – 22/07/2011 | |
| | **TOTAL** | **€ 3,703.48** |

**TOTAL TAL-INVOICES KOLLHA: €12,677.27**

15. Il-kawża saret għall-ħlas tal-bilanċ ta' **€10,677.27**, jiġifieri skont is-soċjeta` attriċi s-soċjeta` tħallset biss €2,000 mit-total ta' €12,677.27. Martin Zerafa xehed illi s-soċjeta` konvenuta għamlet biss pagament wieħed ta' €2,000. Alfred Spiteri (direttur tas-soċjeta` konvenuta) pero` xehed li b'kollox ħallas €5,000 f' tlett pagamenti: wieħed ta' €2,000 (ċekk nru 929), ieħor ta' €1,500 (cheque 1392) u ieħor ukoll ta' €1,500 (ċekk nru 1864). Fir-rigward tal-allegati ħlasijiet ta' €1,500-il wieħed, ġew eżibiti kopja ta' ċekkijiet relattivi (Dok AS2 – ċekk datat 4 ta' Frar 2009 u Dok AS3 – ċekk datat 7 ta' Lulju 2009). Madankollu:

i. Il-konvenuta ma tatx eċċezzjoni fis-sens li l-ammont li ntalab hu eżaġerat;
ii. Il-kopja ta' ċekkijiet li ġew preżentati jidher li ma fihom l-ebda firem fuq wara. Għalhekk m'huwiex magħruf jekk issarrfux jew ġewx depożitati;

**Il-verżjoni tas-soċjeta` konvenuta dwar il-problemi fis-sistema u l-passi li ħadet bħala konsegwenza:**

16. Is-soċjeta` konvenuta allegatament bdiet tesperjenza problemi bis-servizz u kien għalhekk li ma baqgħetx tħallas. Alfred Spiteri (direttur tas-soċjeta` konvenuta) jilmenta fuq diversi nuqqasijiet:

- li meta kienu jidhlu fis-sistema sabiex jaraw il-pożizzjoni tal-vetturi tagħhom kienu josservaw li uħud minnhom kienu jidhru li qed jaħdmu u uħud kienu jidhru imwaħħlin (jirreferi speċifikatament għall-vettura JBL-

661 iżda jgħid li kien hemm ukoll vetturi oħra, hekk imwaħħlin)[4];

- li għalkemm meta jirraportaw il-problemi is-soċjeta` attriċi kienet tibgħat il-ħaddiema tagħha, l-istess problemi kienu jerġgħu jitfaċċjaw wara ftit żmien;

- li l-ħaddiema ma kinux imorru immedjatament;

- li il-ħaddiema tas-soċjeta` attriċi kienu jwaħħlu fis-sistema tal-internet tas-soċjeta` konvenuta, minkejja li skont hu tali internet kien jaħdem tajjeb, tant li l-impjegati tiegħu kienu jaħdmu bih[5];

- li is-sistema ġieli ma kinitx taħdem għal ġranet twal waqt li (skont is-soċjeta` attriċi) ikun qed isir *update;*

- li anke intilfet xi data tal-vetturi tas-soċjeta` konvenuta li kienet fuq is-*server* tas-soċjeta` attriċi, u li l-istess soċjeta` attriċi ma kellhiex *backup*.

17. Minħabba dawn il-problemi il-konvenuta bagħtet ittra legali lis-soċjeta` attriċi fit-30 ta' Awwissu 2010 fejn ilmentat magħha li s-sistema ta' "*data tracking*" ma kinitx qegħda taħdem tajjeb "*għal dawn l-aħħar tliet (xhur)*" bi ksur ta' kull ftehim u assikurazzjoni minnha mogħtija. Għalhekk interpellatha biex tieħu l-passi neċessarji biex l-apparat jiġi irranġat u jiffunzjona tajjeb.

18. Is-soċjeta` konvenuta imbagħad interpellat lis-soċjeta` attriċi permezz ta' ittra uffiċjali datata 19 ta' Novembru 2010 fejn infurmatha illi minħabba li s-sistema ta' "*data tracking*" (imposta bil-liġi fuq il-vetturi tagħha li jintużaw għal "*sightseeing*") ma kinitx qed taħdem tajjeb, kienet qed tiġi esposta għal dannu u penali. Avżatha li fin-nuqqas li tali sistema ta' "*data tracking*" tiġi rranġata minnha fi żmien 48 siegħa, hija kienet ser tikkunsidra ruħha bħala maħlula minn kull ftehim bejniethom, u li fi żmien ta' 48 siegħa fuq l-imsemmi perjodu ta' 48 siegħa, is-soċjeta` attriċi kellha taqla' l-apparat installat minnha u tirrifondiliha kull ammont li hija ħallset għal servizz li ma ingħatax minħabba n-nuqqasijiet. Infurmatha ukoll li f'tali każ ma kinix ser tkompli bil-ħlas tal-

[4] Glen Lucas, impjegat mas-soċjeta` konvenuta, xehed li jiftakar fiċ-ċert li fir-rigward tal-vetturi IMY-339 u JBL-661 kienet teħel is-sistema, iżda xehed li dan kien jiġri fuq vetturi oħra ukoll.
[5] Glen Lucas ukoll xehed illi ma jistax ikun li l-problema kienet bl-internet min-naħa tagħhom għaliex is-soċjeta` konvenuta kienet taħdem bl-internet kontinwament.

kera.

19. Evidentement il-problemi ma ttranġawx, għaliex f'Novembru 2010 stess is-soċjeta` konvenuta ddeċidiet li tqabbad is-servizzi ta' kumpanija oħra għall-finijiet ta' *data tracking*. Geoffrey Farrugia, mis-soċjeta` Hands On Systems Ltd xehed li proprju f' Novembru 2010, Ronald Spiteri, bin Alfred Spiteri, d-direttur tas-soċjeta` konvenuta, kien ikkuntattjahom dwar sistema ta' tracking devices "*għax b'dik li kellhom ma kinux moqdijin sew".* Spjega li f' Diċembru 2010 għamlu l-ewwel demo biex Ronald Spiteri jara s-sistema tagħhom kif taħdem. Ikkummenta illi:

*"Jien sa frattant rajt is-sistema li kellu qabel u evalwajt ix-xogħol li kien hemm qabel ma bdejt nagħti servizz, speċjalment minħabba l-fatt illi Ronald kien qalli li kellu ħafna problemi qabel. Meta rajt is-sistema li kellu qabel indunajt li vera kien hemm ħafna problemi u jien wegħdtu illi l-kumpanija tagħna ser tagħmel dak kollu li huwa possibbli biex ma jerġax isofri dawn il-problemi kollha.*

*Waqt l-installazzjonijiet tagħna rajna xi installazzjonijiet illi ma kinux magħmulin sewwa u aħna mill-ewwel ġbidna l-attenzjoni għal dan.* ***Kien hemm wires li kien imqabbdin ħażin u dawn setgħu kienu qed jikkawżaw xi problemi illi kien qed jgħid dwarhom Ronald****. Biex inkunu ċerti aħna qbadna u bdejna kollox mill-bidu u ma messejna xejn mill-installazzjonijiet minn ta' qabel għax ma konniex nafu il-ftehim fuq dawk it-tracking devices x' kien. Ronald kien qalilna biex ma mmissu xejn u aħna hekk għamilna.*

*Nikkonferma li t-teknoloġija tagħna hija mgħammra b'teknoloġija avvanzata ħafna li tassigura illi d-data tiġi kkupjata fuq servers madwar id-dinja biex nassigura illi d-data tal-kljent ma titħassar qatt. Nikkonfermaw ukoll illi s-sistema tagħna għandha 99.9% uptime li jfisser rari illi ma tkunx qed taħdem. Għaldaqstant qatt ma rċevejna xi tip ta' lmenti mingħand xi persuna fuq ix-xogħol jew is-servizz li kien sar għand il-Garden of Eden u dejjem tħallasna fil-ħin u mingħajr problemi. …"*

## Il-verżjoni tas-soċjeta` attriċi dwar il-problemi fis-sistema

20. Martin Zerafa, direttur tas-soċjeta` attriċi xehed illi t-*tracking devices* fuq il-vetturi tas-soċjeta` konvenuta ma sarux kollha f' daqqa: l-ewwel sar kuntratt għal parti minnhom, u imbagħad l-istess soċjeta` talbet li l-installazzjoni issir fuq iżjed vetturi, sakemm saret fuq il-vetturi kollha msemmija fl-Avviż. Qal li Roland Spiteri darba minnhom kien qallu li ma kinux qegħdin jaraw il-pożizzjoni ta' xi vettura u hu kien infurmah illi mill-informazzjoni li setgħu jaraw minn fuq is-server, fuq żewġ vetturi kellu xufiera li kienu qed ibagħbsu it-"*tracking device".* Qal li kull meta talbuh xi assistenza huma dejjem

ipprovdew is-servizz mal-ewwel: jekk mhux dakinhar l-għada. Dwar id-data li intilfet, jispjega li darba minnhom kien sar mass meeting fil-Mosta u bħala riżultat kien hemm surcharge qawwi tant li ġew danneġġjati diversi servers tal-kumpanija.

21. Matthew Mizzi, Operations Technician mas-soċjeta` attriċi, xehed li ġieli ħadem fuq il-vetturi tas-soċjeta` konvenuta: kemm bħala installazzjoni, u anke bħala *maintenance* jew meta kienet tinqala' xi problema. Qal li kif is-soċjeta` konvenuta kienet tirraporta problema hu kien imur minnufih biex jara l-problema. Qal li l-problema ġeneralment kienet tkun jew waħda ta' *voltage drop*, jew waħda ta' *settings*. Qal li biex isolvi l-problema ta' *voltage drop* kien iqabbad il-*wires* tal-apparat dirett mal-batterija u b'hekk ikollu *supply* dirett mal-kurrent. Dwar il-problemi ta' *settings* huwa kien iżarma fejn ikun hemm l-apparat, iqabbdu mal-*laptop* u jekk jara li ma jkunx hemm konnessjoni jew ibiddel is-SIM card jew jerġa' jinstalla' s-*software* mill-ġdid. Qal li għalkemm din ma kinitx tkun problema frekwenti, ma jiftakarx kemm-il darba inqalgħet.

**Il-konklużjonijiet tal-perit tekniku Dr Steven Farrugia Sacco:**

22. Il-perit tekniku għamel aċċess fejn ra d-data tas-sistema iżda ovvjament sa dak iż-żmien ma kinitx għadha tintuża għaliex kienet ġiet installata sistema ġdida permezz tal-kumpannija HandsOn Systems Ltd. Għalhekk il-perit tekniku ma setax jagħmel eżami konklussiv minnha. Għaldaqstant ta ħafna piż lix-xiehda. Huwa għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet/osservazzjonijiet:

- Fil-bidu s-sistema kienet qegħda taħdem tajjeb tant li wara li ġie stallat l-apparat fuq numru ta' vetturi, l-istess soċjeta` konvenuta għażlet li tinkariga lis-soċjeta` attriċi biex tinstalla l-apparat fuq vetturi oħra mill-flotta;

- **Il-problema ma kinitx fis-sistema iżda fit-tracking ta' żewġ vetturi**;

- Dwar il-kwistjoni tat-tbagħbis da parti tax-xufiera qal li t-"*tracking device*" innifsu m'għandux ikun tali jippermetti li tali tbagħbis isir;

- Ma hemmx bżonn ta' *internet connection* partikolari jew kompjuter partikolari biex kljent ikollu aċċess għad-data; dejjem jekk is-sistema tkun skont l-arti u s-sengħa;

- Il-ħaddiema kienu jmorru jsewwu ripetutament, oltre l-*maintenance* normali;

- Is-soċjeta` konvenuta qabdet u itterminat is-servizz unilateralment mingħajr ma għamlet tentattiv biex tirritorna l-apparat u ma ressqitx provi dettaljati tal-problemi;

- Ma jidhirx li kien hemm skrittura li tindika kif is-servizz jista' jiġi tterminat, u lanqas dwar is-servizz innifsu;

- Għalhekk ikkonkluda li ż-żewġ partijiet naqsu: is-soċjeta` attriċi għaliex naqset milli tagħti servizz komplut, u s-soċjeta` konvenuta għaliex qabbdet lil ditta oħra mingħajr ma rritornat l-ekwipaġġ (sic) jew hadet passi ġudizzjarji.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

***<u>Dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt.</u>***

23. Il-konvenuta tikkritika l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel qorti. Din il-qorti wara li rat l-atti tosserva:-

- Bejn l-2008 u l-2009 ma jidhirx li kien hemm problemi fir-rigward tad-*device trackers* installati fuq il-vetturi, jew fuq is-servizz tad-*data tracking* tant li fl-2009 is-soċjeta` konvenuta reġgħet inkarigat lis-soċjeta` attriċi biex tinstalla apparat fuq vetturi oħra.

- L-ilment jidher li ma kienx fir-rigward tal-vetturi kollha. F'dan ir-rigward il-perit tekniku osserva, *"Id-diffikulta mhux qiegħed fis-sistema per se, jew is-servers tal-kumpannija attriċi, u lanqas fil-computer jew internet tal-kumpannija intimata,* ***iżda se mai, fit-tracking device li mhux qiegħed jibgħat l-informazzjoni jew qiegħed jibghat informazzjoni skorretta****"*.

- Jidher li l-problemi li l-iktar dejqu lis-soċjeta` konvenuta inqalgħu fl-2010 tant li b'ittra legali datata 30 ta' Awwissu 2010 is-soċjeta` attriċi ilmentat li s-sistema ta' "*data tracking*" ma kinitx qegħda taħdem tajjeb ***"għal dawn***

***l-aħħar tliet (xhur)"***.

- Il-qorti tifhem li kull meta sar xi xogħol fuq is-sistema mill-attriċi, kienet tingħata *Job Sheet* (ara Dok. MZ3). Kull ma ġew preżentati huma sitt *job sheets*, li waħda minnhom datata 15 ta' Ottubru, 2008 u tirrigwarda *installation*. L-oħrajn jirreferu għat-*tracking system* fuq il-vetturi GSY 002, COY 013, COY 015, LCY 921. Żgur li minn dawn id-dokumenti biss il-qorti ma tistax tikkonkludi li l-problemi fis-sistema kienu varji u kontinwi. Dan minkejja li Alfred Spiteri xehed, *"Il-ħaddiema tas-soċjeta attriċi ġew diversi drabi l-garaxx biex jirranġaw il-problemi li kien ikollna"*. Il-qorti kienet tippretendi li l-konvenuta tippreżenta dokumenti bħal dawk jekk riedet verament tikkonvinċi lill-qorti dwar il-problemi kbar li kien hemm fis-sistema u li wasslu lill-attriċi sabiex tinkariga service provider ieħor biex jinstalla data track system ġdida. L-imsemmija dokumenti huma l-aħjar prova dwar ħsara u tiswija li saret mill-attriċi, ġialadarba l-konvenuta qabdet u unilteralment tterminat il-kuntratt li kellha mal-attriċi.

- Il-konvenuta ressqet ukoll bħala xhud lil Glen Lucas. Pero' għalkemm semma li *"s-sistema installata fuq il-vettura kienet teħel"* mingħajr m'amplifika, semma biss żewġ vetturi. Imbagħad qal li kien hemm oħrajn, iżda ma tax dettalji. Il-qorti tippretendi li s-serjeta kienet titlob li l-konvenuta żżomm records dwar il-vetturi li kienu qegħdin jagħtu l-allegati problemi. Saħansitra x-xhud mistoqsi jekk kienx hemm vetturi li jiftakar li s-sistema kienet taħdem fuqhom, wieġeb *"ngħid li ma niftakarx"*. Il-qorti ssibha diffiċli temmen lix-xhud meta hu stess qal li xogħolu kien li jqassam ix-xogħol lix-xufiera, u *"nagħmel monitoring tal-istess xufiera"*. Lucas kellu jkun ix-xhud l-iktar infurmat dwar l-allegati problemi.

- Alfred Spiteri lanqas ma ppreżenta log tad-drabi li ċemplu lill-attriċi dwar il-problemi li kien qiegħed ikollhom, id-drabi li marrru għandhom impjegati tal-attriċi, u l-vetturi li dwarhom kien qiegħed ikollhom il-problemi. Glen Lucas, impjegat tal-konvenuta, xehed: *"Mistoqsi jekk konna nżommu logs tal-problemi, ngħid li logs per se le..."*. Spiteri semma wkoll lil ċertu Matthew Mizzi, impjegat tal-attriċi, li xehed quddiem il-perit tekniku u qal, *"... il-problemi li ġieli kont insib kienu tnejn. Jew problema fil-vettura, partikolarment fil-wires fejn kien ikun hemm 'voltage drop', jew setting min-naħa tagħna"*. B'daqshekk ma jfissirx li s-sistema li pprovdiet l-attriċi ma kinitx tajba. Lanqas mhemm prova x'kien jikkawża l-*voltage drop*. Mhemmx provi biżżejjed li jistgħu jwasslu lill-qorti biex tikkonkludi li kien qiegħed ikun hemm ripetutament problemi relatati mas-*setting* tal-apparat.

- Hu minnu li Geoffrey Farrugia ta' Hands On Systems Ltd xehed, *"Meta rajt is-sistema li kellu qabel indunajt li **vera kien hemm ħafna problemi** u jien wegħdtu illi l-kumpannija tgħna ser tagħmel dak kollu li huwa possibbli biex ma jerġax isofri dawn il-problemi kollha"*. Pero' x-xhud ma ta l-ebda ħjiel ta' x'kienu l-problemi. Għalkemm qal, *"Waqt l-installazzjonijiet tagħna*

*rajna xi installazzjonijiet illi* ***ma kinux magħmulin sewwa***...", ma qalx x'kien id-difett u fuq liema vetturi nstab. Il-mod kif xehed dan ix-xhud hu ġeneriku wisq u ma jippermettix lill-qorti tikkonkludi li l-attriċi kienet ġustifikata fid-deċiżjoni li tittermina l-kuntratt u tbiddel l-apparat. Per eżempju ma rriżultax li saru xi testijiet fuq is-sistema li nstallat l-attriċi biex jiġi determinat x'kienet il-problema.

- L-oneru tal-prova li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti jew li l-apparat nstallat kien difettuż, kien fuq il-konvenuta. Prova li fil-fehma tal-qorti kellha ssir billi jitqabbad persuna li tifhem u wara li teżamina s-sistema u tagħmel it-testijiet meħtieġa, tħejji rapport tekniku bil-konklużjonijiet. Dan qabel mal-konvenuta inkarigat kumpannija oħra biex tneħħi s-sistema tal-attriċi u tagħmel waħda ġdida. Mir-rapport tal-perit tekniku hu evidenti li l-konvenuta ma ressqet l-ebda prova teknika li effettivament is-sistema tad-data track kellha difetti tali li l-uniku rimedju kien proprju dak li titneħħa u tiġi nstallata waħda ġdida. Il-perit tekniku stess ikkonkluda li mill-provi li nġabru ma rriżultax li l-problema kienet fis-sistema, iżda kienet problema ta' *tracking* fuq vetturi, li qal li kienu tnejn.

- Hu fatt li biex bidlet is-sistema l-konvenuta ma kinitx kuntenta b'dik installat mill-attriċi. Pero' din mhijiex prova li s-sistema li nstallat l-attriċi ma kinitx tajba għall-użu.

- Saħansitra l-konvenuta żammet l-apparat li jkompli jikkonvinċi lill-qorti kemm hi dgħajfa d-difiża tal-appellanti.

***Il-bilanċ pendenti.***

24. Il-konvenuta ssostni li l-ewwel qorti kellha tieħu *".. wkoll qies tal-flus ġia mħallsin mill-konvenuta lill-attriċi qabel l-istituzzjoni ta' dawn il-proċeduri"*. Hi ssostni li ħallset is-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000) filwaqt li b'kollox l-attriċi ħarġet kont għas-somma ta' €15,677.27. F'dan ir-rigward il-qorti:

i. Diġa kkummentat dwar l-allegat ħlas ta' €3,000, fis-sens li mhemmx prova suffiċjenti li sar.
ii. Mill-provi ma jirriżultax li l-attriċi ħarġet kontijiet għas-somma ta' €15,677.27

25. Pero’ hu fatt li bir-raġunament tal-ewwel qorti, it-tnaqqis li kellu jsir kien fuq is-somma totali u mhux fuq il-bilanċ mitlub fir-rikors promotur. Għalhekk is-somma totali, skont l-invoices li ġew preżentati, hu €12,677.27 u 5/6 jagħti total ta’ 10,564.39 li minnha trid titnaqqas is-somma ta’ €2,000 (hlas li rċeviet l-attriċi). B’hekk l-ammont dovut hu **tmint elef ħames mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u tletin ċentezmu (€8,564.39)**.

**Għal dawn il-motivi tilqa’ parzjalment l-appell tas-soċjeta’ konvenuta u tvarja s-sentenza tat-18 ta’ Jannar, 2017, u minflok tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta’ tmint elef ħames mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u tletin ċentezmu (€8,564.39), bl-imgħax mid-data tas-sentenza tal-ewwel qorti. Spejjeż tal-ewwel stadju jibqgħu kif deċiż mill-ewwel qorti. Għal kumplament tiċħad l-appell.**

**Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal 90% a karigu tal-konvenuta u 10% a karigu tal-attriċi.**

Anthony Ellul.